MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Appell Civili Numru. 6/2003

**Alec Anderson**

**vs**

**ASP Management Services Limited**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta’ Frar, 2003 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“**1. Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie mibghut lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Agent Ministru ghall-Politika Socjali fit-12 ta’ Awissu 2002 b’riferenza MSP/TI/72/2002 wara li l-Avukatessa Jackie Scerri kibet lill-Onorevoli Ministru fid-9 ta’ Awissu 2002 f’isem il-klijent taghha Alec Anderson fejn

qalet li dan kien gie licenzjat, allegatament kontra l-ligi, mis-socjeta` ASP Management Services Ltd fit-12 ta' April 2002 fil-fatt tlett ijiem wara li kien infurmaha bir-rizenja tieghu. Is-socjeta` appellata rapprezentata mill-Avukat Patrick Galea eccepiet preliminarjament illi t-Tribunal Industrijali ma kienx kompetenti biex jisma' u jaqta l-kaz peress illi kien hemm rizenja. Bla pregudizzju ghal dan l-istess socjeta` cahdet l-allegazzjonijiet tal-Appellant. Inzammu tliet seduti.

## 2. Fatti tal-Kaz

L-Appellant fl-ittra tieghu lill-Onorevoli Ministru allega li l-licenzjament tieghu ma kienx skond il-ligi peress illi dan sar tliet granet wara li huwa kien informa lis-socjeta` appellata bir-rizenja tieghu. Is-socjeta` appellata waqt is-smiegh tal-provi irtirat l-eccezzjoni preliminari taghha izda it-Tribunal iddecieda li indipendentement minn dan din kienet ser tigi kunsidrata *ex ufficio* peress illi kienet timpingi fuq il-kompetenza o meno tal-istess Tribunal.

It-Tribunal sema' lill-Appellant, lic-Chief Operating Officer tas-socjeta` Appellata u ezamina d-dokumenti esibiti. Wara t-trattazzjoni orali gew ukoll sottomessi noti bil-miktub.

## 3. Kunsiderazzjonijiet

Li ried jistabbilixxi t-Tribunal huwa kienx hemm rizenja jew le. Ta' min jghid illi l-isforzi tat-Tribunal biex igib kopja tal-formula tal-ETC tat-temm tal-impieg tal-Appellant sfaw minghajr success ghax jidher li qatt ma giet sottomessa kif titlob il-ligi. L-Appellant xehed car u tond li kien ta r-rizenja tieghu meta fil-fatt kien ghamel l-*e-mail* fid-9 ta' April 2002, anke jekk dina kellha tkun effettiva mill-ahhar ta' dak ix-xahar. Huwa fil-fatt bhala speci anticipa li s-socjeta` appellata setghet forsi tiddisponi mis-servizzi tieghu, voldieri thallsu minflok thallih jahdem il-perijodu ta' *notice*. Fix-xhieda tieghu qal ukoll, u dan ma kienx kontradett, illi ircieva telefonata minghand il-boss tieghu ftit sieghat biss wara li kien baghat l-*e-mail* u dana qallu li kien fil-fatt accetta r-rizenja. Dan kien konfermat mill-*e mail* ta' Alon

Shklarek datata 10 ta' April 2002 (Doc C) li tispicca bil-kliem "*so I close this mail by wishing you all the best for your future*". L-*e-mail* ta' Walter Haazen (Doc D) fil-paragrafu ta' qabel l-ahhar tghid "*Last but not least I will (together with my colleagues in the XB) reluctantly but gracefully accept your resignation unless the above stated arguments are agreed upon*."

Id-decizjoni tas-socjeta` appellata illi tillicenzja l-Appellant grat wara l huwa intima li se jirrizenja mill-ahhar ta' dak ix-xahar. Fl-opinjoni tat-Tribunal dana sar fil-perijodu ta' *notice* anticipat li l-Appellant ta lil Principal tieghu. Il-kuntratt jispecifika perijodu ta' *notice "of not less than two months*". Ma hemm xejn li jindika li wiehed ma jistghax jaghti iktar minn xahrejn. It-Tribunal huwa tal-fehma illi hekk kif l-Appellant ta rizenja posticipata beda jiddekorri perijodu ta' *notice*. F'dan il-perijodu giet stabbilita relazzjoni specjali tax-xoghol limitata biz-zmien li tulha jkompli jghodd il-kuntratt tax-xoghol bl-obbligi u d-doveri kollha taz-zewg partijiet. Izda la darba r-rizenja saret u giet accettata ma tkunx tista' tigi unilatertalment revokata. Li seta' jigri kien li l-Principal kellu l-fakolta` li jezenta lill-impjegat milli jahdem il-perijodu tan-*notice* u hekk jilliberah mill-obbligu li kellu li jibqa' jahdem ghal perijodu kollu tan-*notice*.

**<u>4. Decizjoni preliminari</u>**

It-Tribunal Industrijali jiddecidi illi mhux kompetenti li jkompli jisma' u jaqta' dan il-kaz peress illi t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant kienet rizultat ta' rizenja tieghu.

B'hekk jintemm dan il-kaz."

Is-socjeta` rikorrenti indirizzat appell lil din il-Qorti mid-decizjoni fuq rikapitulata tat-Tribunal Industrijali in bazi ghal dan l-aggravju. Hi tilmenta illi l-imsemmi Tribunal ezorbita l-kompetenza tieghu u ddecieda 'extra petita' meta ddibatta u ddecieda dwar jekk il-materja kienetx titratta minn rizenja tal-impjegat jew minn terminazzjoni ta' min ihaddem. Hi tikkontendi illi l-unika konsiderazzjoni li kellu jaghmel it-Tribunal kien dak li jiddeciedi dwar l-

ammissibilita` o meno tat-talba. Dan fuq l-assunt illi l-premessi taghha kienu oskuri u kontradittorji. F'kull kaz isostni illi l-meritu kien jitratta minn kaz ta' terminazzjoni.

Aggravju iehor ventilat mill-istess socjeta` appellanti jirrigwarda l-fatt illi t-Tribunal naqas milli jipprovdi dwar l-ispejjes tal-kaz. F'dan il-kuntest gie sottomess minnha illi gjaladarba gie stabbilit minnu, fuq ir-raguni dedotta ta' l-inkompetenza, illi l-procedura kienet vizzjata t-Tribunal kellu jiddeciedi wkoll li jakkolla l-ispejjes fuq min ippropona t-talba.

It-twegibiet ta' l-appellat ghall-obbjezzjonijiet fuq senjalati huma ta' indoli kemm procedurali kif ukoll sostanzjali. Sintetikament dawn huma s-segwenti:-

i. In-nullita` u irritwalita` ta' l-appell ghar-raguni li ma kienx konsentit appell quddiem din il-Qorti dwar kwestjonijiet li kienu gja quddiem it-Tribunal qabel id-dhul in vigore tal-Kap. 452;
ii. F'kull kaz dan il-kap jipprovdi biss appell lil din il-Qorti fuq punt ta' ligi biss;
iii. Fil-meritu t-Tribunal sewwa ddecieda l-punt minnu ezaminat tal-kompetenza.

Huwa logiku hafna illi jekk ir-raguni addotta mill-appellat fl-ewwel twegiba tieghu tirrizulta fondata ma jkunx necessarju, imbaghad, illi din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-kwestjonijiet involuti fl-aggravji sottomessi mis-socjeta` appellanti in kwantu dan mhux biss ikun ezercizzju purament akkademiku izda lanqas hu konsentit li din il-Qorti tinoltra ruhha aktar.

Skond l-Avviz legali 425 ta' l-2002 mitbugh fil-Gazzetta tal-Gvern fil-harga supplimentari tal-31 ta' Dicembru 2002 jinghad inter alia illi bis-sahha tas-setghat konferiti bl-Artikolu 1(2) ta' l-Att ta' l-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Vici Priministru u Ministru ghall-Politika Socjali stabbilixxa s-27 ta' Dicembru 2002 bhala d-data tad-dhul fis-sehh tad-disposizzjonijiet li baqa' ta' l-istess Att. Gja qabel l-imsemmi Avviz legali, permezz

ta' Avviz legali precedenti Numru 362 ta' l-2002 kienu gew in vigore l-Artikoli 2 u 3 tal-precitat Att.

Jigi notat pero` illi l-Avviz Legali Numru 425 jaghmel rizerva fil-kaz ta' l-Artikolu 86 tal-Att principali billi jsalva d-disposizzjoni ta' l-Art 18 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjiegi. Aktar fundamentali ghal kaz in diskussjoni hu dak li l-istess Avviz Legali jsalva wkoll id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali "fejn ghandu x'jaqsam mal-kazijiet kollha li kienu pendenti minnufih qabel dik id-data (27 ta' Dicembru 2002) quddiem it-Tribunal Industrijali kif kostitwit bl-istess Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali li ghandhom jibqghu regolati bl-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali kif fis-sehh minnufih qabel dik id-data".

Issa mill-atti tal-Kaz Numru 1688 quddiem it-Tribunal Industrijali fil-kwestjoni tax-xoghol bejn l-istess partijiet f'din il-procedura nsibu dan li gej:-

i. Id-domanda ghar-referenza lit-Tribunal intbaghtet lill-Ministru tal-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 9 ta' Awissu 2002.
ii. Fit-12 ta' Awissu 2002 l-Ministru rrefera l-kaz lic-Chairman tat-Tribunal Industrijali.
iii. B'avviz datat 23 ta' Awissu 2002 it-Tribunal talab mill-partijiet is-solita dikjarazzjoni tal-kaz u informazzjoni ohra pertinenti ghalih.
iv. Fit-18 ta' Settembru 2002 inzammet l-ewwel seduta segwita minn seduta ohra fis-16 ta' Ottubru 2002 fejn il-partijiet ressqu l-osservazzjonijiet taghhom tal-kaz.
v. Inzammet imbaghad seduta ohra fil-15 ta' Jannar 2003 fejn xehed l-appellat odjern u Alexander Reiss ghas-socjeta` appellanti. F'din is-seduta, irtirata l-eccezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal da parti tas-socjeta` appellanti, t-Tribunal issolleva l-istess eccezzjoni 'ex officio'.
vi. Wara li rceva s-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet it-Tribunal ghadda biex jiddeciedi din l-istess eccezzjoni bis-sentenza tad-19 ta' Frar 2003, issa kontestata mis-socjeta` appellanti.

Huwa bil-wisq ovvju minn dan il-kwadru tal-procediment quddiem it-Tribunal illi l-kaz 'de quo' kien gja rceva l-attenzjoni ta' dan l-istess tribunal u allura kien certament pendenti qabel id-data tas-27 ta' Dicembru 2002 precizata fl-Avviz Legali fuq espost.

Il-punti legali li certament johorgu mill-esposizzjoni fuq elenkati tal-atti processwali tal-kaz quddiem it-Tribunal, fid-dawl tal-Avviz Legali 425 ta' l-2002, huma dawn:-

1. L-Att gdid dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), li bis-sahha tieghu sar l-Avviz Legali msemmi, eskluda l-principju tar-retroattivita` tad-disposizzjonijiet tieghu, u allura wkoll l-Artikolu 82 (3), ghal kazijiet li kienu gja pendenti quddiem it-Tribunal qabel is-27 ta' Dicembru 2002;
2. Il-kaz in diskussjoni allura baqa' regolat mil-ligi antika li tahtha l-att allegat gie kompjut, jigifieri l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266);
3. Dan l-ahhar Att imsemmi ma kienx jakkorda dritt dirett ta' appell mid-decizjoni tat-Tribunal lill-Qorti ta' l-Appell izda biss, kif ritenut f'bosta sentenzi, d-dritt ta' impunjattiva quddiem il-Qrati ordinarji fil-kazijiet limitati bhal meta t-Tribunal ikun mar ultra vires jew kontra r-regoli ta' gustizzja naturali jew is-sentenza tkun kontra xi ligi miktuba. Ara, b'ezemplari, "**Reno Alamango –vs- Mary Rose Ciantar**", Appell Civili, 29 ta' Mejju 1991 u "**Michael Mallia noe –vs- Carmel Debono et**", Appell, 13 ta' Frar 1997.

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-ewwel pregudizzjali sollevata mill-appellat qed tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara l-appell interpost bhala irritu u null u b'hekk tichad l-istess. L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jitbatew mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------